



Brussell, 20 ta' Frar 2019
(OR. en)

6220/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0138(COD)

CODEC 350
TRANS 89
PE 34

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 11 sal-14 ta' Frar 2019)

I. INTRODUZZJONI*

Ir-rapporteur, Dominique RIQUET (ALDE, FR), ippreżentat rapport dwar il-proposta għal Regolament fisem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu. Ir-rapport fih 51 emenda (l-emendi 1 sa 51) għall-proposta. Ma tressqet ebda emenda oħra.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

II. VOT

Meta vvotat fit-13 ta' Frar 2019, il-plenarja adottat l-emendi 1 sa 51 għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (COM (2018)0277 – C8-0192/2018 – 2018/0138(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0277),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0192/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni jiet motivati mressqa mis-Senat Ċek, il-Bundestag Ġermaniż, il-parlament Irlandiż u l-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0015/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² jistabbilixxi qafas komuni għall-**ħolqien ta' networks interoperabbli *mill-aktar avvanzati*** għall-iżvilupp tas-suq intern. In-networks trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T) għandhom struttura ta' żewġ saffi: in-network komprensiv jiżgura l-konnettività ***tar-reġjuni*** kollha tal-Unjoni, ***filwaqt li n-network ewlieni jikkonsisti mill-elementi tan-network li għandhom l-aktar importanza strateġika***. Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jiddefinixxi miri tat-tlestija vinkolanti għall-implimentazzjoni biex in-network ewlieni jitlesta sal-2030 u n-network komprensiv sal-2050.

²² Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p.

Emenda

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² jistabbilixxi qafas komuni għall-**ħolqien ta' networks interoperabbli *li għandhom struttura ta' żewġ saffi, fl-Unjoni, għas-servizz taċ-ċittadini***, għall-iżvilupp tas-suq intern ***u għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni***. In-networks trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T) għandhom struttura ta' żewġ saffi: in-network ***ewlieni jikkonsisti minn dawk il-partijiet tan-network li għandhom l-aktar importanza strateġika għall-Unjoni, u n-network komprensiv jiżgura l-konnettività bejn ir-reġjuni*** kollha tal-Unjoni. ***In-network ewlieni jenħtieġ li jservi bħala aċċeleraturi transfruntiera u multimodali għal żona unika Ewropea tat-trasport u tal-mobbiltà***. Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jiddefinixxi miri tat-tlestija vinkolanti għall-implimentazzjoni biex in-network ewlieni jitlesta sal-2030 u n-network komprensiv sal-2050. ***Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jiffoka fuq konnessjonijiet transfruntieri li jtejbu l-interoperabbiltà bejn il-modi differenti ta' trasport u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni multimodali tat-trasport tal-Unjoni, u jenħtieġ li jqis wkoll id-dinamika tal-iżvilupp tas-settur tat-trasport u ta' teknoloġiji ġodda fil-futur***.

²² Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p.

1).

1).

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Minkejja l-ħtieġa u l-iskadenzi vinkolanti, mill-esperjenza jidher li ħafna investimenti bil-għan li jitlesta t-TEN-T iħabbtu wiċċhom ma' proċeduri tal-għoti tal-permessi, proċeduri transfruntieri tal-akkwist u proċeduri oħrajn li huma kumplessi. Din is-sitwazzjoni xxekkel l-implimentazzjoni fil-ħin tal-proġetti, u ħafna drabi twassal għal dewmien sinifikanti u aktar spejjeż. ***Biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet u ssir tlestija*** sinkronizzata tat-TEN-T, ***hemm bżonn*** azzjoni armonizzata fil-livell tal-Unjoni.

Emenda

(2) Minkejja l-ħtieġa u l-iskadenzi vinkolanti, mill-esperjenza jidher li ħafna investimenti bil-għan li jitlesta t-TEN-T iħabbtu wiċċhom ma' ***multipliċi*** proċeduri tal-għoti tal-permessi, proċeduri transfruntieri tal-akkwist u proċeduri oħrajn li huma ***twal, mhux ċari u*** kumplessi. Din is-sitwazzjoni xxekkel l-implimentazzjoni fil-ħin tal-proġetti, u ħafna drabi twassal għal dewmien sinifikanti u aktar spejjeż, ***tagħti lok għal inċertezza għall-promoturi ta' proġetti u investituri privati potenzjali, u tista' twassal anki għall-abbandun ta' proġetti f'nofs il-proċess. Fid-dawl ta' dawn il-kundizzjonijiet, it-tlestija*** sinkronizzata tat-TEN-T ***sal-iskadenza stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jeħtieġ*** azzjoni armonizzata fil-livell tal-Unjoni. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeċiedu dwar il-pjanijiet ta' infrastruttura nazzjonali tagħhom f'konformità mal-għanijiet tat-TEN-T.***

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Dan ir-Regolament japplika biss għal proġetti tal-Unjoni rikonoxxuti bħala

proġetti ta' interess komuni, skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, relatati man-netwerk ewlieni tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Stat Membru jista' jiddeċiedi wkoll li jwessa' l-ambitu għan-netwerk komprensiv.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) ***Fl-oqfsa*** legali ta' ħafna Stati Membri jingħata trattament ta' prijorità lil ċerti kategoriji ta' proġetti abbażi tal-importanza strateġika tagħhom ***għall-ekonomija***. It-trattament prijoritarju hu kkaratterizzat minn skadenzi iqsar, proċeduri simultanji jew perjodi taż-żmien limitati għall-appelli filwaqt li jiżgura li jintlaħqu wkoll l-għanijiet ta' politiki orizzontali oħra. Meta ***jkun jeżisti qafas*** bħal ***dan*** fi ħdan qafas legali nazzjonali, jenħtieġ li ***dan ikun japplika*** awtomatikament għall-proġetti tal-Unjoni rikonoxxuti bħala proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

Emenda

(3) ***Fis-sistemi*** legali ta' ħafna Stati Membri jingħata trattament ta' prijorità lil ċerti kategoriji ta' proġetti abbażi tal-importanza strateġika tagħhom ***għall-Unjoni***. It-trattament prijoritarju hu kkaratterizzat minn skadenzi iqsar, proċeduri simultanji ***u/jew simplifikati***, perjodi taż-żmien limitati ***għat-tlestija tal-proċedura tal-għoti ta' permessi*** jew għall-appelli filwaqt li jiżgura li jintlaħqu wkoll l-għanijiet ta' politiki orizzontali oħra. Meta ***jkunu jeżistu regoli dwar it-trattament prijoritarju*** bħal ***dawn*** fi ħdan qafas legali nazzjonali, jenħtieġ li ***dawn ikunu japplikaw*** awtomatikament għall-proġetti tal-Unjoni rikonoxxuti bħala proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013. ***L-Istati Membri li ma għandhomx tali regoli dwar it-trattament prijoritarju jenħtieġ li jadottawhom.***

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Biex titjieb l-effikaċja tal-valutazzjonijiet ambjentali u jiġi razzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, meta l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet ambjentali ta' proġetti tan-netwerk ewlieni jkun joriġina simultanjament mid-Direttiva 2011/92/UE, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE, u minn leġislażżjoni oħra tal-Unjoni, bħalma huma d-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, id-Direttiva 2012/18/UE u d-Direttiva 2011/42/KE, l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li tkun prevista proċedura konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dawn id-Direttivi.

Emenda

(4) Biex titjieb l-effikaċja tal-valutazzjonijiet ambjentali u jiġi razzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, meta l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet ambjentali ta' proġetti tan-netwerk ewlieni jkun joriġina simultanjament mid-Direttiva 2011/92/UE, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE, u minn leġislażżjoni oħra tal-Unjoni, bħalma huma d-Direttiva 92/43/KEE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, id-Direttiva 2012/18/UE u d-Direttiva 2011/42/KE, l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li tkun prevista proċedura konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dawn id-Direttivi. ***Barra minn hekk, l-eżami bikri tal-impatti ambjentali u diskussjoni bikrija mal-awtorità kompetenti dwar il-kontenut tal-valutazzjonijiet ambjentali jistgħu jnaqqsu d-dewmien waqt il-fażi tal-permessi u b'mod ġenerali jtejbu l-kwalità tal-valutazzjonijiet.***

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Meta jitqies l-għadd kbir ta' valutazzjonijiet ambjentali li jirriżultaw mid-diversi Direttivi Ewropej jew mir-regoli nazzjonali, li huma meħtieġa għall-għoti ta' permessi għall-proġetti ta' interess komuni tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T, jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi proċedura komuni, simplifikata u ċentralizzata li tissodisfa r-rekwiżiti ta' dawn id-Direttivi, sabiex tikkontribwixxi

għall-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament immirat lejn ir-razzjonalizzazzjoni akbar tal-miżuri.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) *Il-proġetti tan-netwerk ewlieni jenħtieġ ikunu appoġġati minn proċeduri integrati tal-għoti tal-permessi biex issir ġestjoni ċara tal-proċedura ġenerali possibbli u biex jingħata punt uniku ta' servizz għall-investituri.* L-Istati Membri jenħtieġ jaħtru awtorità kompetenti b'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali u strutturi amministrattivi tagħhom.

Emenda

(5) L-Istati Membri jenħtieġ jaħtru awtorità kompetenti unika b'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali u strutturi amministrattivi tagħhom *sabiex jiżguraw li l-proġetti marbuta man-netwerk ewlieni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-integrazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi u minn punt ta' kuntatt uniku għall-investituri, biex b'hekk ikun hemm ġestjoni effiċjenti u ċara tal-proċedura ġenerali. Fejn meħtieġ, l-awtorità kompetenti unika tista' tiddelega r-responsabbiltajiet, l-obbligi u l-kompiti tagħha lil awtorità oħra fil-livell reġjonali, lokali jew amministrattiv xieraq.*

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Jenħtieġ li bl-istabbiliment ta' awtorità kompetenti unika fil-livell nazzjonali li tintegra l-proċeduri kollha tal-għoti tal-permessi (punt uniku ta' servizz) tonqos il-kumplessità, titjeb l-effiċjenza u tiżdied it-trasparenza tal-proċeduri. Jenħtieġ ukoll li titjeb il-koperazzjoni bejn

Emenda

(6) Jenħtieġ li bl-istabbiliment ta' awtorità kompetenti unika fil-livell nazzjonali li tintegra l-proċeduri kollha tal-għoti tal-permessi (punt uniku ta' servizz) tonqos il-kumplessità, titjeb l-effiċjenza u *l-koordinazzjoni u* tiżdied it-trasparenza *u r-rapidità* tal-proċeduri *u tal-adozzjoni*

l-Istati Membri meta xieraq. Il-proċeduri jenħtieġ jippromwovu koperazzjoni reali bejn l-investituri u l-awtorità kompetenti unika, u għalhekk jenħtieġ jippermettu l-ambitu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi waqt il-fażi ta' qabel l-applikazzjoni. Dan l-ambitu jenħtieġ ikun integrat fid-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni u jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2011/92/UE, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE.

tad-deċiżjonijiet. Jenħtieġ ukoll li titjeb il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri meta xieraq. Il-proċeduri jenħtieġ jippromwovu koperazzjoni reali bejn l-investituri u l-awtorità kompetenti unika, u għalhekk jenħtieġ jippermettu l-ambitu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi waqt il-fażi ta' qabel l-applikazzjoni. Dan l-ambitu jenħtieġ ikun integrat fid-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni u jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2011/92/UE, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Fejn proġetti ta' interess komuni jitqiesu li jkunu proġetti ta' prijorità tal-Unjoni, awtorità kompetenti konġunta miftiehma bejn l-awtoritajiet kompetenti uniċi minn żewġ Stati Membri jew aktar jew Stati Membri u pajjiżi terzi tista' tiġi stabbilita, sabiex twettaq id-dmirijiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Minħabba l-urġenza biex jitlestha n-netwerk ewlieni tat-TEN-T, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi jenħtieġ tkun akkumpanjata b'limitu taż-żmien li matulu l-awtoritajiet kompetenti responsabbli jenħtieġ jieħdu

(8) Minħabba l-urġenza biex jitlestha n-netwerk ewlieni tat-TEN-T sal-2030, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi jenħtieġ tkun akkumpanjata b'limitu taż-żmien li matulu l-awtoritajiet kompetenti responsabbli jenħtieġ jieħdu

deċiżjoni komprensiva fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-proġett. Dan il-limitu taż-żmien jenħtieġ jistimola trattament aktar effiċjenti tal-proċeduri, u jenħtieġ li fl-ebda ċirkostanza ma jikkomprometti l-istandards għoljin tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent u l-parteeipazzjoni pubblika.

deċiżjoni komprensiva fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-proġett. Dan il-limitu taż-żmien jenħtieġ jiżgura trattament aktar effiċjenti tal-proċeduri, u jenħtieġ li fl-ebda ċirkostanza ma jikkomprometti l-istandards għoljin tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent, it-trasparenza u l-parteeipazzjoni pubblika. ***Il-proġetti jenħtieġ jiġu evalwati f'termini tal-kriterji ta' maturità għall-għażla tal-proġetti stabbiliti mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Il-konformità mal-iskadenzi stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li titqies meta jitwettqu tali evalwazzjonijiet.***

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-proġetti infrastrutturali transfruntieri tat-TEN-T iħabbtu wiċċhom ma' sfidi partikolari fejn tidħol il-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi. Jenħtieġ li l-Koordinaturi Ewropej ikollhom is-setgħa li jimmonitorjaw dawn il-proċeduri u jiffaċilitaw is-sinkronizzazzjoni u t-tlestija tagħhom.

Emenda

(10) Il-proġetti infrastrutturali transfruntieri tat-TEN-T iħabbtu wiċċhom ma' sfidi partikolari fejn tidħol il-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi. Jenħtieġ li l-Koordinaturi Ewropej ***imsemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 315/2013*** ikollhom is-setgħa li jimmonitorjaw dawn il-proċeduri u jiffaċilitaw is-sinkronizzazzjoni u t-tlestija tagħhom ***biex tiġi żgurata l-konformità mal-iskadenzi stabbiliti minn dan ir-Regolament.***

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-Kummissjoni mhix involuta sistematikament fl-awtorizzazzjoni ta' proġetti individwali. Iżda xi drabi, ċerti aspetti tat-tnejja tal-proġetti jkunu suġġetti għal approvazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Meta l-Kummissjoni tkun involuta fil-proċeduri, din se tagħti trattament ta' prijorità lill-proġetti ta' interess komuni tal-Unjoni u tiżgura ċertezza lill-promoturi tal-proġetti. F'xi każijiet, jaf ikun hemm bżonn approvazzjoni ta' għajjnuna mill-Istat. Skont il-Kodiċi tal-Aqwa Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri għall-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex il-proġetti ta' interess komuni tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T li jikkunsidraw bħala prijorità, **jitrattawhom** bi skedi taż-żmien aktar prevedibbli skont l-approċċ tal-portafoll tal-każ jew l-ippjanar miftiehem b'mod reċiproku.

Emenda

(12) Il-Kummissjoni mhix involuta sistematikament fl-awtorizzazzjoni ta' proġetti individwali. Iżda xi drabi, ċerti aspetti tat-tnejja tal-proġetti jkunu suġġetti għal approvazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Meta l-Kummissjoni tkun involuta fil-proċeduri, din se tagħti trattament ta' prijorità lill-proġetti ta' interess komuni tal-Unjoni u tiżgura ċertezza lill-promoturi tal-proġetti. F'xi każijiet, jaf ikun hemm bżonn approvazzjoni ta' għajjnuna mill-Istat. **Mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi ffissati b'dan ir-Regolament, u** skont il-Kodiċi tal-Aqwa Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri għall-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat, l-Istati Membri **jenħtieġ li jkunu** jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex il-proġetti ta' interess komuni tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T li jikkunsidraw bħala prijorità, **jiġu ttrattati** bi skedi taż-żmien aktar prevedibbli skont l-approċċ tal-portafoll tal-każ jew l-ippjanar miftiehem b'mod reċiproku.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T jenħtieġ jiġu appoġġati wkoll mill-linji gwida tal-Kummissjoni li jgħibu aktar ċarezza b'rabta mal-implimentazzjoni ta' ċerti tipi ta' proġetti filwaqt li jirrispettaw l-acquis tal-Unjoni. Pereżempju l-Pjan ta' Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija²³ jipprevedi din il-gwida biex jagħti aktar ċarezza ħalli jiġu rispettati d-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar il-

Emenda

(13) L-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T jenħtieġ jiġu appoġġati wkoll mill-linji gwida tal-Kummissjoni li jgħibu aktar ċarezza b'rabta mal-implimentazzjoni ta' ċerti tipi ta' proġetti filwaqt li jirrispettaw l-acquis tal-Unjoni. Pereżempju l-Pjan ta' Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija²³ jipprevedi din il-gwida biex jagħti aktar ċarezza ħalli jiġu rispettati d-Direttivi dwar l-Għasafar u dwar il-

Habitats. Jenħtieġ li l-appoġġ dirett relatat mal-akkwist pubbliku jkun disponibbli għall-proġetti ta' interess komuni biex ikun żgurat l-aqwa valur għall-flus pubbliċi²⁴. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkun disponibbli ċerta assistenza teknika xierqa permezz tal-mekkaniżmi żviluppati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, bil-għan li tingħata għajnuna finanzjarja għall-proġetti ta' interess komuni tat-TEN-T.

²³ COM(2017) 198 final.

²⁴ COM(2017) 573 final

Habitats. Jenħtieġ li l-appoġġ dirett relatat mal-akkwist pubbliku jkun disponibbli għall-proġetti ta' interess komuni biex ikun żgurat ***li jiġu mnaqqsa kemm jista' jkun l-ispejjeż esterni u jinkiseb*** l-aqwa valur għall-flus pubbliċi²⁴. Barra minn hekk, jenħtieġ li tkun disponibbli ċerta assistenza teknika xierqa permezz tal-mekkaniżmi żviluppati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, bil-għan li tingħata għajnuna finanzjarja għall-proġetti ta' interess komuni tat-TEN-T.

²³ COM(2017) 198 final.

²⁴ COM(2017) 573 final

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test proposit mill-Kummissjoni

(15) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li l-proċeduri amministrattivi li nb dew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jkunux soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,

Emenda

(15) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li l-proċeduri amministrattivi li nb dew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jkunux soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ***sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor bil-qbil ta' daww ikkonċernati.***

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti applikabbli għall-proċeduri amministrattivi segwiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'rabta mal-awtorizzazzjoni

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti applikabbli għall-proċeduri amministrattivi segwiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'rabta mal-awtorizzazzjoni

u l-implimentazzjoni tal-proġetti kollha ta' interess komuni tan-network ewlieni tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

u l-implimentazzjoni tal-proġetti kollha ta' interess komuni tan-network ewlieni tan-network trans-Ewropew tat-trasport, ***relatati mar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, inklużi l-proġetti magħżula minn qabel elenkati fil-Parti III tal-Anness għar-Regolament li jistabbilixxi l-"Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" 2021-2027.***

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, bħala blokk, għal proġetti ta' interess komuni fuq in-network komprensiv tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) “deċiżjoni komprensiva” tfisser id-deċiżjoni jew is-sett ta' deċiżjonijiet meħuda minn awtorità ***jew awtoritajiet*** ta' Stat Membru li ma ***jinkludux*** il-qراطي jew it-tribunali, li ***jiddeterminaw*** jekk promotur ta' proġett għandux jingħata awtorizzazzjoni għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport biex jitlesta proġett mingħajr preġudizzju għal xi deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura

(a) "deċiżjoni komprensiva" tfisser id-deċiżjoni jew is-sett ta' deċiżjonijiet meħuda minn awtorità ***kompetenti unika*** ta' Stat Membru, ***u fejn applikabbli l-awtorità kompetenti konġunta, iżda*** li ma ***tinkludix*** il-qراطي jew it-tribunali, li ***tiddetermina*** jekk promotur ta' proġett għandux jingħata awtorizzazzjoni għall-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport biex jitlesta proġett mingħajr preġudizzju għal xi deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta'

ta' appell amministrattiv;

proċedura ta' appell amministrattiv;

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) “proċeduri tal-ġhoti tal-permessi” tfisser kull proċedura li għandha tiġi segwita jew kull pass li għandu jittieħed quddiem l-awtoritajiet ta' Stat Membru, skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni, qabel ma l-promotur ta' proġett ikun jista' jimplimenta l-proġett;

Emenda

(b) "proċeduri tal-ġhoti ta' awtorizzazzjoni" tfisser kull proċedura li għandha tiġi segwita jew kull pass li għandu jittieħed quddiem l-awtoritajiet ***kompetenti*** ta' Stat Membru, skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni, qabel ma l-promotur ta' proġett ikun jista' jimplimenta l-proġett ***u li jibdew mid-data tal-iffirmar tal-aċċettazzjoni tan-notifika tal-fajl mill-awtorità kompetenti unika tal-Istat Membru***;

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) “***promotur*** ta' proġett” tfisser ***l-applikant għal awtorizzazzjoni għal proġett privat jew l-awtorità pubblika li*** tibda proġett;

Emenda

(c) "***Promotur*** ta' proġett" tfisser ***kwalunkwe persuna fiżika jew persuna ġuridika pubblika jew privata li tapplika għal awtorizzazzjoni biex*** tibda proġett;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) “awtorità kompetenti unika” tfisser l-awtorità li ***l-Istati Membri jaħtru*** bħala dik responsabbli biex twettaq id-dmirijiet li ***joħorġu*** minn ***din id-Direttiva***;

Emenda

(d) "awtorità kompetenti unika" tfisser l-awtorità li ***l-Istat Membru jaħtar, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu,*** bħala dik responsabbli biex twettaq id-dmirijiet li ***jirriżultaw*** minn ***dan ir-Regolament***;

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) "Awtorità kompetenti konġunta" tfisser awtorità stabbilita bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet kompetenti uniċi minn żewġ Stati Membri jew aktar jew minn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar li tkun inkarigata mill-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi relatati ma' proġetti transfruntieri ta' interess komuni.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull proġett ta' interess komuni tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T għandu jkun soġġett għal proċedura integrata tal-għoti tal-permessi mmexxija minn awtorità kompetenti unika maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-Artikoli 5 u 6.

1. Kull proġett ta' interess komuni tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T, ***inklużi s-sezzjonijiet magħżula minn qabel fil-Parti III tal-Anness għar-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa,*** għandu jkun soġġett għal proċedura integrata tal-għoti tal-permessi

mmexxija minn awtorità kompetenti unika
maħtura minn kull Stat Membru
b'konformità mal-Artikoli 5 u 6.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Biex ikunu żgurati proċeduri amministrattivi effiċjenti marbuta ma' proġetti ta' interess komuni, il-promoturi tal-proġetti u l-awtoritajiet ikkonċernati kollha għandhom jiżguraw li dawn il-proġetti jingħataw l-aktar trattament rapidu li hu legalment possibbli, inkluż fejn jidħlu r-riżorsi allokat.

Emenda

3. Biex ikunu żgurati proċeduri amministrattivi effiċjenti ***u effikaċi*** marbuta ma' proġetti ta' interess komuni, il-promoturi tal-proġetti u l-awtoritajiet ikkonċernati kollha għandhom jiżguraw li dawn il-proġetti jingħataw l-aktar trattament rapidu li hu legalment possibbli, inkluż fejn jidħlu ***l-evalwazzjoni tal-kriterji ta' maturità għall-għażla tal-proġetti u*** r-riżorsi allokat.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Biex jiġu ssodisfati l-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 6 u jonqos il-piż amministrattiv relatat mat-tlestija tal-proġetti ta' interess komuni, il-proċeduri ***amministrattivi*** kollha li jirriżultaw mil-liġi applikabbli, kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni, għandhom jiġu integrati u jwasslu għal deċiżjoni komprensiva waħda biss.

Emenda

1. Biex jiġu ssodisfati l-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikolu 6 u jonqos il-piż amministrattiv relatat mat-tlestija tal-proġetti ta' interess komuni, il-proċeduri ***tal-għoti tal-permessi*** kollha li jirriżultaw mil-liġi applikabbli, ***inklużi l-valutazzjonijiet ambjentali rilevanti,*** kemm ***fil-livell*** nazzjonali kif ukoll ***f'dak*** tal-Unjoni, għandhom jiġu integrati u jwasslu għal deċiżjoni komprensiva waħda

biss, *mingħajr preġudizzju għat-trasparenza, il-partekċipazzjoni pubblika u r-rekwiżiti ambjentali u ta' sikurezza fil-liġi tal-Unjoni.*

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fil-każ ta' proġetti ta' interess komuni li għalihom l-obbligu li jsiru valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament mid-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u liġijiet oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu previsti proċeduri konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2011/92/UE.

Emenda

2. ***Mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament***, fil-każ ta' proġetti ta' interess komuni li għalihom l-obbligu li jsiru valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament mid-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u liġijiet oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu previsti proċeduri konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2011/92/UE.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa mhux aktar tard minn ***[OP please insert the date one year of the entry into force of this Regulation]***, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti unika waħda li tkun responsabbli biex tiffaċilita l-proċess tal-għoti tal-permessi ***inkluż*** għat-teħid tad-deċiżjoni komprensiva.

Emenda

1. Sa mhux aktar tard minn ***[sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, u ***f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020***, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti unika waħda li tkun responsabbli biex tiffaċilita l-proċess tal-għoti tal-permessi ***meħtieġa*** għat-teħid tad-deċiżjoni komprensiva, ***bi***

qbil mat-tielet paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti unika *msemmija fil-paragrafu 1* u/jew il-kompiti relatati magħha jistgħu jiġu delegati lil awtorità oħra fil-livell *amministrattiv xieraq*, jew *jitwettqu minnha*, għal kull proġett ta' interess komuni jew għal kull kategorija ta' proġetti ta' interess komuni, skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

Fuq inizjattiva tal-awtorità kompetenti unika, *ir-responsabbiltajiet, l-obbligi tagħha* u/jew il-kompiti relatati magħha, *kif imsemmija fil-paragrafu 1*, jistgħu, *bi qbil mal-Istat Membru*, jiġu delegati lil *u eżegwiti minn* awtorità oħra fil-livell *reġjonali, lokali* jew *amministrattiv ieħor xieraq*, għal kull proġett ta' interess komuni jew għal kull kategorija ta' proġetti ta' interess komuni, *bl-eċċezzjoni tat-teħid tad-deċiżjoni komprensiva msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu*, skont dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) awtorità waħda biss tkun responsabbli għal kull proġett ta' interess komuni;

Emenda

(a) awtorità **kompetenti** waħda biss tkun responsabbli għal kull proġett ta' interess komuni;

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-awtorità tkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-promotur tal-proġett fil-proċedura li twassal għad-deċiżjoni komprensiva għal proġett speċifiku ta' interess komuni, u

Emenda

(b) l-awtorità **kompetenti** tkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-promotur tal-proġett fil-proċedura li twassal għad-deċiżjoni komprensiva għal proġett speċifiku ta' interess komuni; u

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-awtorità tikkoordina t-tressiq tad-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha.

Emenda

(c) l-awtorità **kompetenti** tikkoordina t-tressiq tad-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Id-deċiżjoni komprensiva maħruġa mill-awtorità kompetenti unika għandha tkun l-unika deċiżjoni legalment vinkolanti li tirriżulta mill-proċedura **statutorja** tal-għoti tal-permessi. Meta jkun hemm awtoritajiet oħrajn ikkonċernati mill-proġett, dawn jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom bħala kontribut għall-proċedura, skont il-leġislazzjoni nazzjonali. **Din l-opinjoni għandha titqies mill-awtorità** kompetenti unika.

Emenda

Id-deċiżjoni komprensiva maħruġa mill-awtorità kompetenti unika għandha tkun l-unika deċiżjoni legalment vinkolanti li tirriżulta mill-proċedura tal-għoti tal-permessi. **Mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament**, meta jkun hemm awtoritajiet oħrajn ikkonċernati mill-proġett, dawn jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom bħala kontribut għall-proċedura, skont il-leġislazzjoni nazzjonali. **L-awtorità kompetenti unika hija meħtieġa li tqis dawn l-opinjonijiet, b'mod partikolari jekk dawn ikunu jikkonċernaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/52/UE tal-**

Emenda 32

Proposta għal regolament Article 5 – paragraph 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta tieħu d-deċiżjoni komprensiva, l-awtorità kompetenti unika għandha tiżgura li jiġu rrispettati r-rekwiżiti rilevanti skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni u għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha kif xieraq.

Emenda

4. Meta tieħu d-deċiżjoni komprensiva, l-awtorità kompetenti unika għandha tiżgura li jiġu rrispettati r-rekwiżiti rilevanti skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni u għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha kif xieraq ***abbażi tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli.***

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. ***Jekk*** proġett ta' interess komuni jkun jeħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi għandhom jieħdu kull pass meħtieġ għal ***koperazzjoni*** u koordinazzjoni effiċjenti u effettivi bejniethom. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mil-liġijiet ***tal-Unjoni u internazzjonali*** applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu proċeduri konġunti, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali.

Emenda

5. ***Meta*** proġett ta' interess komuni jkun jeħtieġ li jittieħdu deċiżjonijiet f'żewġ Stati Membri jew aktar, ***jew fi Stat Membru wieħed jew aktar u f'pajjiż terz wieħed jew aktar***, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi għandhom jieħdu kull pass meħtieġ għal ***kooperazzjoni*** u koordinazzjoni effiċjenti u effettivi bejniethom, ***jew jistgħu jistabbilixxu awtorità kompetenti konġunta, mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 6, inkarigata mill-faċilitazzjoni tal-proċedura tal-għoti tal-permessi.*** Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mil-liġijiet ***internazzjonali u tal-Unjoni*** applikabbli, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu proċeduri konġunti, b'mod partikolari fir-rigward tal-

valutazzjoni tal-impatti ambjentali.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikolu 6a, l-awtorità kompetenti unika għandha tikkomunika lill-Kummissjoni d-data tal-bidu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi u d-deċiżjoni komprensiva, kif stabbilit fl-Artikolu 6.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-fażi ta' qabel l-applikazzjoni, li tkopri l-perjodu mill-bidu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi sat-tressiq tal-fajl sħiħ tal-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti unika, fil-prinċipju ma għandhiex taqbeż *is-sentejn*.

2. Il-fażi ta' qabel l-applikazzjoni, li tkopri l-perjodu mill-bidu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi sat-tressiq tal-fajl sħiħ tal-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti unika, fil-prinċipju ma għandhiex taqbeż *it-tmintax-il xahar*.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Biex titnieda proċedura tal-ġhoti tal-permessi, il-promotur ta' proġett għandu jinnotifika bil-miktub lill-awtorità kompetenti unika tal-Istati Membri kkonċernati dwar il-proġett u għandu jinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-proġett. Sa mhux aktar tard minn **xahrejn** wara li tirċievi n-notifika msemija hawn fuq, l-awtorità kompetenti unika għandha **tikkonferma dan**, jew jekk tqis li l-proġett mhuwiex matur biżżejjed biex jidħol fil-proċedura tal-ġhoti tal-permessi, din għandha tirrifjuta n-notifika bil-miktub. Jekk l-awtorità kompetenti unika tiddeċiedi li tirrifjuta n-notifika, għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha. Id-data tal-firma tar-rikonoxximent tan-notifika mill-awtorità kompetenti għandha sservi bħala l-bidu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi. Meta jkun hemm żewġ Stati Membri jew aktar ikkonċernati, id-data tal-aċċettazzjoni tal-aħħar notifika mill-awtorità kompetenti kkonċernata għandha sservi bħala d-data tal-bidu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi.

3. Biex titnieda proċedura tal-ġhoti tal-permessi, il-promotur ta' proġett għandu jinnotifika bil-miktub lill-awtorità kompetenti unika tal-Istati Membri kkonċernati **jew, fejn xieraq, l-awtorità kompetenti konġunta**, dwar il-proġett u għandu jinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-proġett. Sa mhux aktar tard minn **xahar** wara li tirċievi n-notifika msemija hawn fuq, l-awtorità kompetenti unika għandha **taċċettaha**, jew jekk tqis li l-proġett mhuwiex matur biżżejjed biex jidħol fil-proċedura tal-ġhoti tal-permessi, din għandha tirrifjuta n-notifika bil-miktub. Jekk l-awtorità kompetenti unika tiddeċiedi li tirrifjuta n-notifika, għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha. Id-data tal-firma tar-rikonoxximent tan-notifika mill-awtorità kompetenti għandha sservi bħala l-bidu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi. Meta jkun hemm żewġ Stati Membri jew aktar ikkonċernati, id-data tal-aċċettazzjoni tal-aħħar notifika mill-awtorità kompetenti kkonċernata għandha sservi bħala d-data tal-bidu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fi żmien **tliet xhur** mill-bidu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi, l-awtorità kompetenti unika, **b'kooperazzjoni** mill-qrib mal-promotur tal-proġett u mal-awtoritajiet l-oħra kkonċernati, u filwaqt li tqis l-informazzjoni mressqa mill-promotur tal-proġett abbażi tan-notifika msemija fil-paragrafu 3, għandha tistabbilixxi u tikkomunika deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni lill-promotur tal-proġett, li tkun tinkludi:

Emenda

4. Fi żmien **xahrejn** mill-bidu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi, l-awtorità kompetenti unika, **jew fejn xieraq, l-awtorità kompetenti konġunta, b'kooperazzjoni** mill-qrib mal-promotur tal-proġett u mal-awtoritajiet l-oħra kkonċernati, u filwaqt li tqis l-informazzjoni mressqa mill-promotur tal-proġett abbażi tan-notifika msemija fil-paragrafu 3, għandha tistabbilixxi u tikkomunika deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni lill-promotur tal-proġett, li

tkun tinkludi:

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) l-awtorità kompetenti, fil-livell amministrattiv xieraq, inkarigata, fil-każ ta' delega mill-awtorità kompetenti unika skont l-Artikolu 5(2);

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 6 - paragrafu 4 - punt b - punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) id-deċiżjonijiet **u** l-opinjonijiet li jridu jinkisbu;

(i) id-deċiżjonijiet, **il-permessi**, l-opinjonijiet **u l-valutazzjonijiet** li jridu jinkisbu;

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) l-awtoritajiet, il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku li aktarx ikunu kkonċernati;

(ii) l-awtoritajiet, il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku li aktarx ikunu kkonċernati **u/jew konsultati**;

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

(iv) it-tappi ewlenin li jridu jintlaħqu u l-iskadenzi tagħhom fid-dawl tad-deċiżjoni komprensiva li trid tittieħed;

Emenda

(iv) it-tappi ewlenin li jridu jintlaħqu u l-iskadenzi tagħhom fid-dawl tad-deċiżjoni komprensiva li trid tittieħed, ***u l-perjodu ta' żmien globali previst***;

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-promotur tal-proġett għandu jressaq fajl tal-applikazzjoni abbażi tad-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni fi żmien **21** xahar minn meta tasal id-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, id-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni ma għadhiex meqjusa applikabbli, sakemm l-awtorità kompetenti unika ma tiddeċidix li dak il-perjodu jiġi estiż, ***skont*** talba ġustifikata mill-promotur tal-proġett.

Emenda

6. Il-promotur tal-proġett għandu jressaq fajl tal-applikazzjoni abbażi tad-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni fi żmien ***ħmistax-il*** xahar minn meta tasal id-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni. Wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu, id-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni ma għadhiex meqjusa applikabbli, sakemm l-awtorità kompetenti unika ma tiddeċidix, ***fuq inizjattiva tagħha stess***, li dak il-perjodu jiġi estiż ***sa massimu ta' sitt xhur***, ***fuq il-bażi ta'*** talba ġustifikata mill-promotur tal-proġett.

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-awtorità kompetenti unika għandha tivvaluta l-applikazzjoni u tadotta deċiżjoni

Emenda

8. L-awtorità kompetenti unika għandha tivvaluta l-applikazzjoni u tadotta deċiżjoni

komprensiva fi żmien **sena** mid-data tas-sottomissjoni tal-fajl sħiħ tal-applikazzjoni skont il-paragrafu 7. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skadenza aktar bikrija, meta xieraq.

komprensiva **u vinkolanti** fi żmien **sitt xhur** mid-data tas-sottomissjoni tal-fajl sħiħ tal-applikazzjoni skont il-paragrafu 7, **sakemm l-awtorità kompetenti unika ma tiddeċidix uq inizjattiva tagħha stess, li tesendi dan il-perjodu sa massimu ta' tliet xhur, jekk kif tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha.** L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skadenza aktar bikrija, meta xieraq.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 6a

Proċedura tal-għoti tal-permessi u assistenza finanzjarja tal-Unjoni

- 1. Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, l-istatus tal-proġett għandu jitqies fl-evalwazzjoni tal-proġetti skont il-kriterji ta' maturità għall-għażla tal-proġetti stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE).../... [li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa].***
- 2. Id-dewmien li seħħ fir-rigward tal-istadji u l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 6 għandu jikkostitwixxi raġuni għal reviżjoni tal-istatus tal-proġett u r-reviżjoni tal-assistenza finanzjarja riċevuta mill-Unjoni taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, kif stabbilit fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE).../... [FNE] u jista' jwassal għal tnaqqis jew kanċellazzjoni tal-assisteneza finanzjarja.***

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għall-proġetti li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jallinjaw l-iskedi tagħhom u jaqblu fuq skeda konġunta.

Emenda

1. Għall-proġetti li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, **jew Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar**, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jallinjaw l-iskedi tagħhom u jaqblu fuq skeda konġunta.

Emenda 46

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. F'każijiet bħal dawn, sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura tal-ġhoti tal-permessi, l-awtoritajiet kompetenti uniċi minn żewġ Stati Membri jew aktar jew minn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar jistgħu, bi qbil reċiproku, jistabbilixxu awtorità kompetenti konġunta, kif previst fl-Artikolu 5(5).

Emenda 47

**Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Koordinatur Ewropew imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE)² Nru 1315/2013 għandu jingħata s-setgħa li jsegwi mill-qrib il-proċedura tal-ġhoti tal-permessi għall-proġetti transfruntieri ta' interess komuni, kif ukoll li jiffaċilita l-kuntatti bejn l-awtoritajiet kompetenti

2. Il-Koordinatur Ewropew imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE)² Nru 1315/2013 għandu jingħata s-setgħa li jsegwi mill-qrib il-proċedura tal-ġhoti tal-permessi għall-proġetti transfruntieri ta' interess komuni, kif ukoll li jiffaċilita l-kuntatti **u l-kooperazzjoni** bejn l-

involuti.

awtoritajiet kompetenti involuti, **jew jekk ikun il-każ, mal-awtorità kompetenti konġunta.**

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jiġu rrispettati l-limiti taż-żmien skont dan ir-Regolament, jekk il-limitu taż-żmien għad-deċiżjoni komprensiva ma jiġix osservat, l-awtorità kompetenti għandha tinforma minnufih lill-Koordinatur Ewropew ikkonċernat dwar il-miżuri meħuda jew li jridu jittieħdu biex tiġi konkluża l-proċedura tal-ġoti tal-permessi bl-inqas dewmien possibbli. Il-Koordinatur Ewropew **jista'** jitlob lill-awtorità kompetenti biex tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub.

Emenda

3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jiġu rrispettati l-limiti taż-żmien skont dan ir-Regolament, jekk il-limitu taż-żmien għad-deċiżjoni komprensiva ma jiġix osservat, l-awtorità kompetenti **unika** għandha tinforma minnufih **lill-Kummissjoni u, jekk ikun meħtieġ, lill-Koordinatur Ewropew ikkonċernat** dwar il-miżuri meħuda jew li jridu jittieħdu biex tiġi konkluża l-proċedura tal-ġoti tal-permessi bl-inqas dewmien possibbli. **Il-Kummissjoni u, jekk ikun meħtieġ, il-Koordinatur Ewropew jista'** jitlob lill-awtorità kompetenti **unika** biex tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Jekk il-proċeduri tal-akkwist jitwettqu minn entità konġunta mwaqqfa mill-Istati Membri parteċipanti, dik l-entità **għandha tapplika d-dispożizzjonijiet** nazzjonali ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri u, b'deroga minn dawn id-

Emenda

2. Jekk il-proċeduri tal-akkwist jitwettqu minn entità konġunta mwaqqfa mill-Istati Membri parteċipanti, dik l-entità **kif ukoll il-kumpaniji sussidjarji tagħha jekk ikun meħtieġ, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet** nazzjonali ta' wieħed

Direttivi, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu d-dispożizzjonijiet stabbiliti skont il-punt (a) tal-Artikolu 57(5) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew il-punt (a) tal-Artikolu 39(5) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif applikabbli, sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-Istati Membri parteċipanti li jipprovdi mod ieħor. F'kull każ, dan il-ftehim għandu jipprevedi l-applikazzjoni **ta'** leġislazzjoni nazzjonali unika **fil-każ tal-proċeduri** tal-akkwist imwettqa minn entità konġunta.

minn dawk l-Istati Membri u, b'deroga minn dawn id-Direttivi, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu d-dispożizzjonijiet stabbiliti skont il-punt(a) tal-Artikolu 57(5) tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew il-punt (a) tal-Artikolu 39(5) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif applikabbli, sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-Istati Membri parteċipanti li jipprovdi mod ieħor. F'kull każ, dan il-ftehim għandu jipprevedi l-applikazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali unika **għall-proċeduri** tal-akkwist imwettqa minn entità konġunta, **u jekk ikun meħtieġ il-kumpaniji sussidjarji tagħha, għat-totalità tal-proġett.**

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'talba mill-promotur tal-proġett jew minn Stat Membru, skont il-programmi rilevanti ta' finanzjament tal-Unjoni u mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali, l-Unjoni għandha tagħmel disponibbli assistenza teknika biex jiġi implimentat dan ir-Regolament u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni.

Emenda

Fuq talba mill-promotur tal-proġett jew minn Stat Membru, skont il-programmi rilevanti ta' finanzjament tal-Unjoni u mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali, l-Unjoni għandha tagħmel disponibbli assistenza teknika, **konsulenza u assistenza finanzjarja** biex jiġi implimentat dan ir-Regolament u tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni **f'kull stadju tal-proċess.**

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, l-Artikoli 4, 5, 6 u 7 għandhom japplikaw fi Stat Membru partikolari mid-data li fiha l-awtorità kompetenti unika tkun inħatret minn dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 5(1).

Il-Kummissjoni se tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali avviż meta daww id-dispożizzjonijiet isiru applikabbli fi Stat Membru.
